# IL-MALTI

*QARI LI TOHROĠ IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — IR-RABA' KTIEB TA' L-1937

## IL-LETTERATURA TAGĦNA

Il-Letteratura tagħna .... Għadna ma lissinniex il-kelma u qegħdin naraw min jitbissem bħallikieku biex jagħdirna.

Għaliex ħafna minn dawk li għaddew xi snin ta' ħajjithom fuq kotba ta' ilsna barranin, qodma jew tal-lum, mal-kelma letteratura jiġru bil-fantasija tagħhom lejn iż-żmenijiet tal-Greċja l-Qadima, l-art fejn is-Sengħa tal-Ġmiel, bħal warda f'sikkitha, fetħet fil-kobor, fil-lewn u fil-ħlewwa tagħha kollha; jew lejn iż-żmien ta' Ruma, fejn is-Sengħa tal-Ġmiel, ħelwa fil-Greċja, libset sura ta' qawwa li tgħaġġeb; inkella lejn il-letteraturi kbar tal-lum; u billi l-letteratura tagħna ma tista' tħabbatha xejn ma' dawn il-letteraturi, jitbissmu dik it-tbissima li donnha trid tgħidilna " U x'intom issemmu l-letteratura maltija ? ma tarawx li din tagħkom hi ħolma fiergħa !"

Iżda min jagħmel hekk jew mhux sinċier, inkella nieqes mis-sens tal-proporzjon.

Il-letteraturi m'humiex ħlief l-espressjoni tal-ħajja ta' ġens, jew aħjar, ta' nazzjon; u s-sisien li fuqhom jinbnew huma t-taqbidiet għall-ħelsien minn kull jasar, ir-rebħiet bis-sliema, il-ħakma tajba u għaqlija, il-liġijiet tal-ħaqq, ix-xogħol, il-kummerċ, is-snajja', is-saħħa, il-għana, u l-ħbiberija mal-ġirien u mal-barranin. Għal-daqshekk il-letteraturi jkunu dejjem kbar jew żgħar bħal-

ma kbar jew żgħar il-ġnus li minnhom johorġu. Kif ma jistax ikun hemm nazzjon kbira b'letteratura żgħira, hekk ma jistax ikun hemm nazzjon żgħira b'letteratura kbira. Il-letteratura griega u l-letteratura rumana kienu kbar, għaliex kbar u setgħana u qawwija kienu Atene u Ruma: u l-letteratura ingliża, fost il-letteraturi tal-lum, hi letteratura tal-għaġeb, għaliex tal-għaġeb l-istorja ta'dak il-ġens għaqli u ta' rieda qawwija, li qalbieni għall-baħar, sieber u ħili fix-xogħol, għaraf jibni l-akbar imperu u jxerred mad-dinja kollha l-fehmiet tajba tiegħu u l-prodotti tal-ħidma tiegħu.

Kieku wieħed imaqdar xitla tal-ballut miżrugħa ġo qasrija, għaliex ma tikberx bħal oħra miżrugħa fil-beraħ tar-raba', ikun qiegħed jagħmel sewwa sew bħal dawk li jitbissmu fuq il-letteratura tagħna, għaliex ma tlaħħaqx mal-waħda jew ma' l-oħra mil-letteraturi taljana, franċiża tedeska, ingliża.

*

Li l-Isien malti qiegħed kull ma jmur jingħaraf iżjed mill-Maltin, u aktar ma jingħaraf iżjed jingħoġob u jinħabb, ma jista' jmerih ħadd. Tielgħa ġliba żgħażagħ li għandhom għal ilsienna ġibda barranija, u xewqa kbira li jarawh miktub kif jixraq; u fil-ħrara ta' qalbhom jaqbdu ta' sikwit il-pinna u jfissru ħsiebhom u qalbhom f'xi stejjer u f'kotra ta' poeżija li għandha l-ħeġġa kollha tat-tmintax u tal-għoxrin sena ,poeżija li meta tkun maħsuba daqsxejn aħjar, u minsuġa ħarira itjeb tkun il-għana tal-letteratura maltija.

Dan minn awl-id-dinja; għaliex fl-aħħar ta' l-aħħar aħna l-Maltin, ma nistgħux insibu kelma li tfisser il-ħsebijiet tagħna u t-tqanqil ta' qalbna, aħjar mill-kelma maltija. Aħna nistħajlu illi l-Isien fil-ġnus hu bħall-qoxra fil-frott, bħall-ġilda fl-annimali, bħal-libsa fil-bniedem;

jikber dejjem miegħu u jieħu dejjem id-daqs, is-sura, u t-tifsila li tkun tiġih dejjem sewwa mingħajr l-ebda tikmixa; u kif il-qoxra ta' frotta ma tista' qatt toqgħod sewwa lil frotta oħra, hekk ukoll l-ebda lsien ta' ġens ma jista' jiġi tajjeb lill-ħsieb u lill-qalb ta' ġens ieħor. Għaliex kull ġens għandu qagħda u għandu xejra li huma r-riżultat tal-ġrajja tiegħu ma' tul ħajtu: u din il-qagħda u din ix-xejra jkunu aktar magħżulin minn dawk ta' ġnus oħra, aktar ma jkun qadim in-nisel ta' dak il-ġens u aktar ma jkunu minsuġin sfiq mad-drawwiet tiegħu il-ġrajja ta' ħajtu: u li l-Malti ġens qadim u marbut għall-aħħar mat-tradizzjonijiet u mad-drawwiet ta' misserijietu hi ħaġa magħrufa minn kull min studja, jew qara biss, l-istorja tal-gżejjer tagħna.

*

Il-Malti ġens qadim. Mela, jgħidulna dawk li jitbissmu, għaliex baqa' mingħajr letteratura taż-żmien li għadda, u kellkom tistennew sas-seklu dsatax u għoxrin biex ikollkom daqsxejn ta' nebbieta ta' letteratura li ma tafux x'għad joħroġ minnha?

Il-ġens malti nazzjon żgħira, u għax żgħira qatt ma setgħet ikollha rajha f'idejha għal kollox; dejjem ħteġitilha nazzjon oħra qawwija li twennisha u tħarisha middnewwa ta' xi għadu aħrax u qalil: għalhekk il-Maltin kellhom, jew minn qalbhom jew inkejja fihom, joqogħdu taħt il-ħakma ta' ġnus barranin.

Iżda fil-qalb tal-Maltin kien hemm dejjem sħiħa l-fehma u x-xewqa tal-ħelsien, u mxebilka bi ħjut qawwija l-għira nazzjonali. Huma ħabbew dejjem lil tajfithom u bagħdu t-taħlit mal-barrani: id-drawwiet maltin baqgħu maltin bħalna baqa' malti l-lsien tagħhom fost it-tibdil tal-ġnus qawwija li ħadu l-gżejjer tagħna taħt idejhom.

B'dana kollu din il-għira nazzjonali bix-xewqa tal-ħelsien qatt ma setgħet titfa' għeruq ħoxnin u tikber, għaliex dejjem maħnuqa miċ-ċokon tal-pajjiż u mill-ħakma xħiħa tal-barrani. Tqanqlet, u kissret il-qoxra li fiha kienet magħluqa, bħalma ż-żerriegħa tikser il-qoxra u tnibbet, meta, f'qawma ta' ħila, ta' qlubija, u, nistgħu ngħidu, ta' dagħdigħa li tixbah lill-ġenn, il-Maltin ħelsu mill-ħakma mqita u ħajna tal-Franċiżi: u kien dak in-nhar illi twieldet mal-ħelsien ix-xewqa nebbieħa illi l-lsien malti jkun il-għelma ewlenija ta' ġensna, u dik il-ħabta wkoll intefgħu s-sisien ta' letteratura maltija bħala espressjoni tal-ħajja ħielsa ta' ġens ċkejken, iżda għaqli u sħiħ fil-fehmiet tiegħu.

Ma talax malajr il-bini ta' din il-letteratura mħabba fin-nuqqas ta' bennejja u mħabba fit-tfixkil ta' kull għamla u ta' kull sura li dawk li xtaqu jtellgħu xi filata dejjem iltaqgħu miegħu; iżda ma naqsux uħud ta' rieda tajba u ta' fehma qawwija li, għalkemm imfixklin u xi drabi mgħajrin, meddew għonqhom għax-xogħol u b'deh-en sabiħ wettqu dawk is-sisien u tellgħu xi filata wkoll. Fuq ix-xempju tagħhom, fi żmenijiet eqreb lejna, ħad-mu oħrajn li fehmu tajjeb xi jfisser ilsien, u l-letteratura maltija bdiet tieħu sura ifrem, isbaħ, ogħna. Il-lum ix-xewqa u l-ħrara ta' *letteratura tagħna*, ċkejkna, imma tajba kif tixraq lil ġens ċkejken, iżda għaqli u ħieles, xegħlet ħuġġieġa u ma hemmx iżjed biża' li, f'ġirja ta' ftit snin oħra, il-Maltin ma jkollhomx xewqithom mit-muma.